**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**Vs**

**Darryl Debono**

Illum, 8 ta' Gunju 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Darryl Debono ta' 18-il sena, iben Mario u Irene nee' Micallef, imwieled Pieta'fit-28 ta' Mejju, 1992 u residenti Razzett Santa Marija, Triq l-Imdawra, Burmarrad detentur ta' karta tal-identita' 279992(M)

Akkuzat talli, f'dawn il-Gzejjer fit-18 ta' Settembru 2010 ghal habta tat-tlieta u nofs ta' filghodu (03:30am) fi Triq San Gorg, San Giljan u/jew fil-

vicinanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-periklu car, ikkaguna feriti ta' natura gravi fil-gisem ta' James Schembri.

Rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub:

- Fl-artikoli 214 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li huwa m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi tra[1]ttat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

[1] Seduta tat-22 ta' Novembru 2010

Illi l-imputat jinsab akkuzat talli fit-18 ta' Settembru 2010 ghall-habta tat-3.30am kkaguna ferita ta' natura gravissima fuq James Schembri.

L-Ispettur Trevor Micallef xehed li fit-18 ta' Settembru 2010, James Schembri mar l-ghassa ta' San Giljan fejn irrapporta li waqt li kien qieghed fi Triq San Gorg, San Giljan ghall-habta tat-3.30am kien hemm argument bejn habib tieghu u xi nies ohra, li huwa kien mar iferraq u persuna kienet tatu daqqa ta' ponn u kkagunalu griehi. Kien indikalhom li l-persuna li taghtu daqqa ta' ponn kien l-imputat. Fil-bidu l-parte civile kien ipproduca certifikat li sofra griehi ta' natura hafifa, izda wara ftit jiem kienu nqalghu xi kumplikazzjonijiet u ha certifikat li kien sofra griehi gravi.

James Schembri[2] xehed li huwa kien mal-hbieb tieghu. Kienu ghajjenin u ghalhekk kienu sejrin id-dar. Ghall-habta tat-3.30am kien qieghed f'hanut wahdu biex jixtri take-away. Qasam it-triq biex ikellem lil habib tieghu Christ Micallef u kien diga' rranga ma' habib tieghu, Edward Mallia, biex iwasslu d-dar. Huwa kien qieghed jipprova jikkuntattjah, dan ma rrispondihx u baqa' jistenna. Huwa rega' qasam it-triq u fejn kien, kien hemm tarag. Sadanittant nizlu zewg persuni, wiehed minnhom kien hu habib tieghu Jeremy Gravina. Dak il-hin, il-parte civile staqsa lil Jeremy Gravina kienx ra lil Edward Mallia. Fil-frattemp waslet tfajla, bdiet tghajjat u tirrabja u tat daqqa ta' harta lil guvni. Schembri jsostni li huma qalulha biex tikkalma, qalet xi haga minn taht l-ilsien u telqet. Ftit wara marru grupp ta' nies, bdew jizdiedu u kienu madwar hmistax. Huwa flimkien mal-hbieb tieghu, li b'kollox kienu tlieta, kienu qeghdin jitkellmu fuq il-bankina daharhom mal-hajt ta' Sabor iharsu lejn Burger King. Wasal dan il-grupp b'hafna ghajjat u dagha u ma fehmux x'kien qed jigri. Imbaghad bdew ighajtu u jirrabjaw maghhom. Qabel ma kien hemm hafna ghajjat wiehed minn dan il-grupp li huwa indika bhala l-imputat ta daqqa ta' ponn lil wiehed li kien hdejh. Il-parte civile jixhed li huwa kien dahru mal-hajt, beda jinkwieta u haseb li jkun ahjar li jipprova jsikkithom. Huwa xehed li qal lill-imputat biex jikkalma izda dan beda jghidlu biex ma jharisx lejh u li

[222] Seduta tat-22 ta' Novembru 2010

jsemmi lil missieru. Baqa' jghajjat u bdew izommuh shabu u bdew jimxu lura u hallewh. Is-sitwazzjoni dehret li kienet ikkalmat u ghalhekk Schembri dar biex jara dak li qala' d-daqqa kif kien baqa'. Sakemm dar hass daqqa ta' ponn fuq in-naha tal-lemin ta' wiccu. Bid-daqqa waqa' lura, kien hemm mejda u kien ashtray u ghatta wiccu b'din l-ashtray. Huwa gharaf lill-imputat bhala l-guvni li tah id-daqqa ta' ponn. Qabel mal-imputat tah id-daqqa beda jghidilhom biex jitilqu izda l-problema li kellu Schembri u hbiebu kienet li kienu daharhom mal-hajt u biex jitilqu riedu jghaddu minn bejn grupp kbir u bezghu. Huwa jixhed dwar il-griehi li sofra ossija li kellu ksur fl-ghadam ta' wiccu u li waqghatlu ghajnejh, ma kienx qieghed jara sew. Huwa gie wkoll operat. Xehed li huwa ma jafux lill-imputat, li ma kellux xi jghid mieghu u li qatt ma pprova jattakka lill-istess imputat u li fil-fatt hadd ma mess lill-imputat.

Edward Mallia[3] jixhed li nizel mill-klabb Sabor u kien se jwassal lil James Schembri d-dar. Kif hareg ra kommossjoni ghaliex habib tieghu, Peter Hili, kien qalgha daqqa f'wiccu li billi ma kellu xejn serju ma ghamilx rapport lill-pulizija . Mar jara x'gara, ra lil Schembri u Christ Micallef jitkellem ma' grupp subien, il-hbieb ta' Darryl Debono u kienu qeghdin jargumentaw. Huma bdew ighidu lill-imputat u hbieb tieghu biex jitilqu u li huma ma riedux glied. Kien hemm ghajjat waqt dan id-diverbju bejn iz-zewg gruppi. Is-sitwazzjoni kienet qisha kkalmat. Mar jara lil siehbu li qala' d-daqqa u Schembri baqa' hemm jitkellem u imbaghad f'daqqa wahda ra lill-imputat gej b'pass mghaggel minn wara u tah daqqa f'wiccu. James bil-qatgha waqa' lura, waqa' fuq mejda, qisu gabar ashtray tal-plastic blu bil-qatgha. L-imputat ta daqqa f'wicc Schembri, hdejn ghajnejh fuq in-naha tal-lemin.

Ix-xhieda ta' Christopher Micallef[4] kienet fuq l-istess binarju tal-istess parte civile u Edward Mallia. Min-naha tieghu huwa wkoll xehed fis-sens li l-imputat ta daqqa ta' ponn lil Schembri meta dan tal-ahhar kien dahru lejh. Jonathan Gravina[5], li kien hdejn James Schembri, xehed li

[3] Seduta tat-12 ta' Jannar 2011
[4] Seduta tat-23 ta' Frar 2011
[55] Seduta tad-19 ta' Lulju 2011

f'daqqa wahda minn imkien xi hadd gie u ta daqqa ta' ponn lil Schembri f'wiccu. Id-daqqa ta' ponn giet mill-genb billi l-aggressur kien fuq in-naha ta' wara tieghu. Qabel ma' Schembri qala' d-daqqa ta' ponn huma kienu qeghdin jippruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni billi ftit qabel kien hem argument.

L-imputat[6] xehed li kien ghall-habta tat-3.30am, hareg minn Sabor flimkien ma' shabu. Kien hemm tlett tfajliet maghhom u f'daqqa wahda sema' xi ghajjat. Dak il-hin kienu fit-triq faccata ta' Burger King u indunaw li kien hemm grupp jargumenta mat-tfajliet li kienu maghhom. Kienu qeghdin jitghajjru. Dahlu bejniethom biex jieqfu. Wiehed minnhom f'salt kien sejjer ghalih, ighajru, l-imputat ghajru lura, gie dahru mal-hajt tal-klabb Sabor u kien hemm l-imwejjed, dawn ikunu twal, u Schembri dar u qabad ashtray minn fuqha u kif qabad l-ashtray l-imputat jixhed li huwa rreagixxa b'mod hazin u tah daqqa u laqtu go ghajnejh. L-imputat in kontro-ezami jichad li dakinhar kien ta daqqa ta' ponn lil haddiehor qabel l-imputat. Huwa xehed li d-daqqa ta' ponn lill-imputat tahilu wiccimbwicc u mhux minn wara. Isostni wkoll li l-ashtray ma kinitx tal-plastic izda tal-hgieg kulur ahdar. Din ix-xhieda tirrifletti wkoll dak li l-imputat kien qal fl-istqarrija rilaxxjata minnu.

Tyronne Sammut[7] jixhed li dakinhar tal-incident kien miexi fuq quddiem mal-imputat. Huma semghu l-ghajjat u raw lit-tfajliet li kienu maghhom li kienu qeghdin jillettikaw ma' xi guvintur. Huma daru u ppruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni. Jixhed li kien hem xi tfajla li kienet giet mghajra ghaliex kienet ftit goffa. F'daqqa wahda jixhed li kien hemm wiehed minnhom li kien hem mal-grupp l-iehor li qabad ashtray minn fuq wahda mill-imwejjed u kien ha jwaddabha. F'daqqa wahda ra lill-imputat jaghti lil Schembri daqqa ta' ponn, Schembri waqa' mal-art u huwa gibed lill-imputat. Lil dan il-guvni li kien se jwaddab l-ashtray li minghalih kienet tal-hgieg ma jafux. Mark Anthony Vassallo[8] jixhed li t-tfajliet kienu quddiemhom, sehh argument, wiehed qabad ashtray li

[6] Seduta tal-24 ta' April 2013
[7] Seduta tal-5 ta' Gunju 2013
[8] Seduta tal-5 ta' Gunju 2013

kienet tal-hgieg hadra u l-imputat tah daqqa ta' ponn. Huwa ma setax ighid ghalfejn inqala' l-argument u ra konfuzjoni shiha, ghajjat u storbju. In kontro-ezami jixhed li wara l-glieda shabu u huwa tkellmu bejniethom dwar il-glieda. Meta ppressat jixhed li mhux cert jekk rax l-ashtray qabel jew wara d-daqqa ta' ponn.

Rebecca Bezzina[9] ukoll xehdet li kien hemm argument u li l-imputat u l-iehor gew wiccimbwicc u wiehed mill-ohrajn qabad ashtray tal-hgieg u l-imputat tah daqqa. Tixhed li kien hemm hafna ghajjat bejn iz-zewg gruppi.

Yoram Cauchi[10] jikkonferma li hargu bhala grupp u fil-hin ta' qabel l-incident kif waslu quddiem Peppermint raw grupp ighajjru lil tfajla habiba taghhom. Imbaghad huwa ra lill-imputat wiccimbwicc ma' wiehed. Kif mar jittawwal l-iehor qabad ashtray, kien se jtihilu u l-imputat ma tahx cans. In kontro-ezami meta mistoqsi l-parte civile minn fejn gab l-ashtray huwa wiegeb li ngabet mill-klabb u li mar ghall-imputat f'nofs ta' triq biha. Id-daqqa ta' ponn sehhet f'nofs ta' triq. Ma jafx ezatt l-ashtray kif kienet ghalkemm jahseb li kienet tal-hgieg u tonda.

Ikkunsidrat:

Mehud in kunsiderazzjoni dawn ir-rizultanzi processwali u l-atti, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni ippruvat sal-grad rikjest mil-ligi l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u dan ghar-ragunijiet li se jsegwu:

Mill-provi li emergew jirrizulta li fit-18 ta' Settembru 2010 l-imputat flimkien ma' shabu telghu Paceville. L-istess ghamlu l-parte civile u l-hbieb tieghu. Dawn iz-zewg gruppi differenti ma kienux jafu lil xulxin.

[9] Seduta tat-23 ta' Jannar 2014
[10] Seduta tad-19 ta' Ottubru 2015

Il-parte civile kien ma' certu Christopher Micallef. Huwa kien ftiehem ma' habib iehor, Edward Mallia, biex iwasslu d-dar. Raw zewg guvintur li wiehed minnhom kienu jafuh u James Schembri staqsa ghal Edward Mallia. Gara li nqala' argument bejn tfajla u habib taghhom Peter Hili, x'aktarx li kien hemm xi hadd li ghadda kummenti negattivi fuq din it-tfajla li kienet fl-istess grupp tal-imputat. Meta nqala' dan l-argument l-imputat ma kienx prezenti izda sema' l-ghajjat. Kuntrarjament ghal dak mistqarr mill-imputat u x-xhieda mressqa mid-difiza, li kienu shabu dakinhar tal-incident, l-imputat ta daqqa ta' ponn lil certu Peter Hili proprju minhabba l-argument li nqala' dwar it-tfajla. Huwa minnu li Peter Hili ma tressaqx bhala xhud izda dan ma jwassalx necessarjament ghal konkluzjoni li d-daqqa fuq wick Peter Hili ma sehhitx. D'altronde' ttellghu xhieda fosthom Christopher Micallef u l-istess James Schembri li raw personalment l-incident isehh. B'konsegwenza ta' dan, il-parte civile u siehbu ppruvaw jikkalmaw is-sitwazzjoni u lill-imputat b'mod partikolari. Izda l-imputat kien aggressiv fi kliemu mill-ewwel. Shab l-imputat bdew jigbduh ukoll biex jieqaf. Is-sitwazzjoni kkalmat u hasbu li kien spicca kollox. Hekk kif il-parte civile dar biex jara siehbu kif kien, sema' lil xi had gej b'pass mghaggel, dar biex ihares u dak il-hin l-imputat ta daqqa ta' ponn lil James Schembri li kienet tant b'sahhitha li l-parte civile spicca prattikament mal-art. Proprju biex jipprova ma jaqax, Schembri zamm ma' mejda li kienet fil-vicin u kien dak il-hin li qabad l-ashtray f'idu biex ighatti wiccu. Il-Qorti ma temminx lill-imputat meta jsostni li kien Schembri li qabad l-ashtray ghalih u kien ghalhekk li xejjirlu daqqa ta' ponn biex jiddefendi lilu nnifsu. Fl-ewwel lok, anki x-xhieda prodotti mid-difiza ma kienux konsistenti u kredibbli anki rigward l-ashtray. Mentri Schembri, Christopher Micallef, Edward Mallia u Jonathan Gravina kienu cari u univoci fir-rakkont dawr dak li sehh ossija li l-parte civile kien dahru lejn l-imputat meta l-imputat beda jimxi warajh biex proprju jtih daqqa ta' ponn.

Inkwantu ghall-eccezzjoni sollevata mid-difiza ossija dik ta' legittima difiza fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs Clint Zammit**[11] inghad:

---

[11] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-19 ta' Mejju, 2014

*"L-imputat eccepixxa id-difiza ta' self defence ghar-rigward din l-akkuza. Persuna tilqa' b'forza il-vjolenza jew aggressivita ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difesa trid tkun intlahqet sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni ikkrejata unikament mhux minn min jadotta dik t-tip ta' difiza izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti.*

*Fil-fatt l-Artikolu 233 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:*

*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed nnifsu jew ta' haddiehor."*

*Dan il-kliem huwa car hafna fih nnifsu. L-Artikolu 224 tal-istess Kap. 9 jispecifika l-kazijiet ta' bzonn attwali tad-difiza legittima.*

*Jigi rilevat minnufih li d-dritt ghal legittima difesa jitwieled u huwa konsegwentement naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu. Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Micallef' (Vol. XXXIV pg. 1072) intqal li:*

*"Id-disposizzjoni tal-ligi li tiskuza lil min jikkaguna offiza lil persuna ohra in difesa tal-proprjeta tal-ferritur, tirrikjedi li l-azzjoni, biex ikun skuzabbli, ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qed tigi nvaza l-proprjeta u in difesa attwali taghha."*

*F'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione nhar is-sitta w ghoxrin (26) ta' Jannar, 1948 (Riv. Pen.1948 pg. 213) gie ritenut li:*

*"Per la legittima difesa non occorre che sia in atto la violenza; basta il pericolo. E' sufficiente il gustificato timore di un offesa imminente. Nemo tenetur expectare doneo perciliatur."*

*Il-ligi taghna pero' timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew periklu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur, jigifieri hsara jew offiza fil-hajja, fil-gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu, stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument, biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri, il-perikolu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali, ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel, ghax dan jista' jaghti kaz biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima.*

*Il-periklu jrid wkoll ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li kien qed isehh, ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Ghandu jigi applikat t-test soggettiv kif diversi awturi u sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw, u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'setgha ghamel jew x'messu ghamel id-difensur (l-imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa bl-uzu tal-forza. Fil-fatt il-Professur Mamo fin-Noti tieghu tal-ligi penali jghid:*

*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

*Fil-fatt, fil-kawza deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Joseph Psaila' jinghad li:*

*"Id-dritt ghall-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew*

*dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu jkun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setghax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Din id-difiza ma tistax tirnexxi fl-ewwel lok ghaliex huwa evidenti li kien l-imputat li mar ifittex lill-parte civile ghas-sodisfazzjon. D'altronde' lanqas irrizulta li kien il-parte civile li qal xi kliem offensiv fil-konfront tat-tfajla. Il-Qorti tiddeplora l-fatt li seta' kien hem tghajjir u insulti indirizzati lejn il-habiba tal-imputat, izda r-reazzjoni qatt ma kellha twassal ghal vjolenza ghaliex bil-vjolenza ma ssolvi xejn. Fit-tieni lok, kien l-imputat li mar fuq il-parte civile u tah daqqa ta' ponn. *Dato ma non concesso*, li kien il-parte civile li gholla ashtray fil-konfront tal-imputat dawn kienu fit-triq u l-imputat seta' jahrab liberament. Kwindi r-rekwiziti li jeidu jkunu prezenti sabiex din id-difiza tissussisti ma kienux prezenti.

Inkwantu ghan-natura tal-ferita li sofra James Schembri, id-difiza waqt it-trattazzjoni ssollevat li meta originarjament Schembri mar il-poliklinika immedjatament wara l-incident huwa gie ccertifikat li kellu griehi hfief. Kien biss ftit jiem wara li nbidel ic-certifikat u gie dikjarat li sofra griehi ta' natura gravi. Kwindi d-difiza ssostni li m'hemmx kontinwita' w allura l-insinwazzjoni hija li setghu gew ikkagunati mod iehor. Din il-Qorti tqis li abbazi tar-rizultanzi processwali huwa evidenti li l-griehi sofferti minn Schembri kienu konsegwenza diretta tad-daqqa ta' ponn li qala' minghand l-imputat u dan billi gie spjegat mid-diversi

tobba u espert imqabbad mill-Qorti x'garrab Schembri. Dr John Cutajar[12] xehed li huwa emenda c-certifikat li kien hareg fit-18 ta' Settembru 2010 minhabba li kien hem rizultati godda ibbazati fuq scan li ttiehed fit-22 ta' Settembru 2010. L-iscan wera li kien hem ksur fl-ghadma ta' madwar l-ghajn il-leminija, ic-cheekbone, u anke fl-ghadam ta' madwar l-ghajn tal-lemin u b'hekk il-griehi gew ikklasifikati bhala gravi. Xehdu wkoll l-ispecjalisti li operaw lil Schembri, Mr Adrian Agius[13] ikkonferma li wara li ra l-iscan irrizulta li Schembri kellu frattura tal-ghadma tal-wicc fuq in-naha tal-lemin imsejha zygoma. Huwa spjega li din l-ghadma tal-wicc hija pjuttost b'sahhitha u biex tkissirha trid certu forza. Din kienet miksura f'diversi partijiet u ghalhekk Schembri kellu jigi operat fil-25 ta' Settembru 2010 billi saritlu dik li tissejjah open reduction. Kellhom jigu inseriti plates tat-titanium li huma permanenti u dan sabiex il-wicc jerga' jiehu l-forma. Spjega li c-cheekbone tistrieh fuq tlett punti u dawn kienu kollha miksurin u b'rizultat ta' dan anki l-ghajn iccaqalqet. Huwa kklasifika l-griehi bhala ta' natura gravi minhabba l-frattura u billi kienet fil-wicc. Din ix-xhieda giet ikkonfermata minn Mr James Galea[14]. Dr Mario Scerri, xehed li ezamina lill-parte civile fil-21 ta' Frar 2011 u tah struzzjonijiet sabiex jiehu X-Ray iehor. Minn dan l-X-Ray ra s-supporting plates. Imbgahad l-espert irrapporta li:

*"10. James Schembri kien ghadu jilmenta minn ugiegh ta' ras, numbness fin-naha tal-lemin tal-hanek ta' fuq mill-incisors lura u minn blockage tan-nostril tal-lemin specjalment meta jimtedd;*

*11. Illi c-cikatrici deskritta taht l-ghajn il-leminija hija rizultat t'incizjoni kirurgika u tidher minn talking distance;*

*12. Illi l-lezjonijiet deskritti huma kompatibbli ma' blunt trauma qawwija bhalma hija daqqa ta' ponn vjolenti;*

---

[12] Li rrilaxxja certifikat datat 23 ta' Settembru 2010 a fol 6 tal-process – xehed fis-seduta tat-12 ta' Jannar 2011
[13] Seduta tat-12 ta' Jannar 2011
[14] Seduta tat-18 ta' Jannar 2012

*13. Illi dawn il-lezjonijiet huma ta' natura gravi li kkagunaw periklu serju ghall-vista tal-ghajn il-leminija u li Schembri ghadu jbati l-konsegwenzi ta' din it-trawma sallum;*

*14. Illi l-pates li gew introdotti sabiex id-displaced fractures jigu supported ghadhom in situ sal-gurnata tallum".*

Tali rizultanzi ma jhallu l-ebda dubju li n-natura tal-griehi sofferti hija fit-termini tal-artikoli ccitati fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju.

Inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura serja tar-reat li tieghu qieghed jinstab hati l-imputat, il-fedina penali tieghu li hija wahda netta u l-fatt li meta l-kaz sehh l-imputat kellu biss tmintax-il sena. Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis li m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda tenut kont tas-serjeta' tal-kaz se timoni piena ta' sentenza sospiza.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-legittima difiza sollevata mill-imputat, wara li rat l-artikoli 214 u 218(1)(a)(b)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal erba' (4) snin.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna lill-hati jhallas l-ammont ta' mitejn u tnejn u hamsin euro u ghaxar centezmi (€252.10) rapprezentanti hlas ta' l-ispejjez tal-espert mahtur. F'kaz li tali ammont jew parti minnu ma jithallasx ghandu jigi konvertit fi prigunerija ai termini tal-ligi.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tordna l-hrug ta' Ordni tat-Trazzin fil-konfront tal-imputat ghaf-favur ta' James Schembri ghal zmien tlett (3) snin skont id-digriet anness.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat